# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 13 ta' Frar, 2018**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 5/18TA**

**L.A. Developments Ltd. (C 49478)**

**vs**

**Edward Farrugia u Lourdes Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tat-3 ta' Jannar, 2018 tas-socjeta` Rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar, 2018;

Rat ir-risposta tal-Intimati konjugi Farrugia tal-5 ta' Frar, 2018;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet fis-smiegh ta' dawn il-proceduri;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Wara li l-Qorti kkunsidrat il-fatti kollha tal-vertenza bejn il-partijiet ai fini ta' dan ir-rikors, huwa l-konvinciment taghha li jesistu l-elementi kollha neessarji sabiex it-talbiet tar-Rikorrenti jigu milqugha in kawtela tal-pretensjonijiet taghhom.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed tikkonferma definittivament l-ordni provvizorja tat-3 ta' Jannar, 2018, qeghdha tilqa' t-talbiet Rikorrenti u tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni opportun.

Tordna li dan id-digriet ghandu jkun notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur tal-Artijiet.

Spejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu riservati mal-gudizzju finali tal-Kawza istitwita mir-Rikorrenti kif jirrizulta mill-atti tal-proceduri odjerni.

**Moghti kameralment illum, 13 ta' Frar, 2018.**

**Imhallef Toni Abela**